MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2564/2002

**Avviz Numru 2564/02 AJD**
**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Borg Barthet Brothers Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm865.80) rappresentanti bilanc dovut fuq prezz ta' diversi riklami ppubblikat mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tad-19 ta' Novembru 2001 u bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Edward Saliba, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tmien mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm865.80), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**